# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR. DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' Mejju 1999.**

**Numru 66**

**Citaz. numru 922/93DS**

**William Galea noe**
**vs**
**Joseph Galea et**

Citaz. Nru. 922/93

William Galea ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Galea Sluta Company Limited
vs
Joseph Galea u Elizabeth Ellul

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-1 ta' Lulju 1993 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi:

Il-konvenuta Elizabeth Ellul kienet impjegata fil-hanut 7/9 City Gate Valletta, liema hanut huwa gestut mis-socjeta attrici.

Peress illi l-konvenuti mmissappropjaw u hadu diversi oggetti mill-hanut 7/9, City Gate, Valletta, kif jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuti mmissappropjaw u hadu diversi oggetti mill-hanut 7/9, City Gate,Valletta.

2. Tillikwida s-somma rappresentanti l-valur tal-oggetti misappropijati u mehudin mill-konvenuti mill-imsemmi hanut.

3. Tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Elizabeth Ellul fejn qalet:

Illi l-kawza fl-ismijiet premessi ghandha tigi respinta bl-ispejjez, stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Illi in linea preliminari l-kawza odjerna ma hija xejn hlief repetizzjoni ta' kawza ohra istitwita mill-attur fl-4 ta' Marzu 1993 bic-citazzjoni numru 270/93 GMA, li tinsab pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u differita ghas-seduta tat-12 ta' Ottubru 1993.

Illi fil-mertu l-esponenti tichad kategorikament il-kontenut tac-citazzjoni in partikolari li hija mmizapproprijat hwejjeg haddiehor u li ghandha tati xi flejjes lill-attur noe.

Salve eccezzjonijiet ohra partikolarment dwar il-preskrizzjoni kemm il-darba jkun il-kaz.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Galea fejn qal:

1. Illi, preliminarjament, l-att tac-citazzjoni huwa null fil-konfront ta' l-eccipjent stante li mill-premessi ma jirrizultax ir-raguni u l-oggett tat-talbiet attrici fil-konfront ta' l-eccipjent u kwindi l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez;

2. Illi, dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u l-eccezzjoni li ssegwi, l-azzjoni odjerna waqghet bi preskrizzjoni ai termini ta' artikolu 2154(1) tal-Kodici Civili w ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez fil-konfront ta' l-eccipjent;

3. Illi, subordinament fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li la wahdu u l-anqas flimkien mal-konvenuta l-ohra ma qatt immizapproprija u ha oggetti mill-hanut 7/9, City Gate, Valletta;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-ewwelnett jinghad li fil-mori tal-kawza miet il-konvenut Joseph Galea u b'nota tat-23 ta' Ottubru 1997 l-attur nomine ceda l-atti tal-kawza kontra tieghu u/jew l-eredi tieghu filwaqt li zamm ferm il-pretensjonijiet tieghu fil-konfront tal-konvenuta Elizabeth Ellul. Sussegwentement inghata provvediment mill-Qorti fit-12 ta' Frar 1999 fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza fil-konfront ta' l-imsemmi Joseph Galea u/jew l-eredi tieghu. Ghalhekk issa l-Qorti se taghmel il-konsiderazzjonijiet opportuni in kwantu jirrigwardaw il-konvenuta Elizabeth Ellul.

<u>Dwar l-ewwel eccezzjoni:</u> Fis-seduta tad-29 ta' Novembru 1993 saret rinunzja ghal din l-eccezzjoni peress li l-kawza msemmija fl-eccezzjoni ma kenitx ghadha pendenti; ghalhekk il-Qorti mhijiex se tiehu konjizzjoni aktar ta' tali eccezzjoni.

<u>Dwar il-mertu:</u> Jirrizulta li s-socjeta' attrici kellha hanut taz-zraben fil-kumpless ta' Bieb il-Belt. L-attur William Galea kien direttur wahdu tal-kumpanija u l-konvenut Joseph Galea, li kien jigi huh, kien wiehed mix-"shareholders". Il-konvenuta kienet impjegata fil-hanuta taz-zraben bhala "salesgirl". William Galea xehed li kecciha wara tliet xhur li kien impjegaha u baghtilha ittra ta' "congedo" (Dok. WG1) izda ma tatx kaz u hi u huh baqghu jiggestixxu l-hanut. Sostna li Joseph Galea u Elizabeth Ellul kienu jghaddulu l-karti kollha dwar "deliveries", "stock" u "sales" u meta jinhadmu jirrizulta telf. Huwa esebixxa bhala Dok. WG2 statements ghas-snin 1981 sa 1990 eskluz l-1987 u mnejn f'kull sena, hlief ghall-1985, irrizultaw "underdeclared sales". Din il-kawza giet istitwita kontra Joseph Galea u Elizabeth Ellul minhabba l-fatt li l-hanut kien qed jigi

gestit minnhom u difatti fic-citazzjoni l-attur nomine qieghed jallega li dawn “immizapproprjaw u hadu diversi oggetti mill-hanut”. Il-pretensjoni attrici tirrigwarda l-“underdeclared sales”.

Fl-1983 l-attur irrapporta n-nuqqas lill-Pulizija. Is-Supretendent tal-Pulizija Joseph Cachia kellem lil Elizabeth Ellul, lil Joseph Galea u lil William Galea. Il-kaz gie diskuss ma’ l-Avukat Generali li ta parir li bil-provi li kien hemm ma kienx hemm fuqhiex jinfethu proceduri kriminali.

Elizabeth Ellul xehdet f’dawn il-proceduri. Hija qalet li l-flus u l-“accounts” kien jiehu hsiebhom Joseph Galea. Cahdet li qatt misset xi haga, la flus u lanqas zraben. Kienet taghmel ix-xoghol taghha ta’ “salesgirl”. Meta jsir l-“istocktaking” kienu jsibu n-nieqes imma fil-hanut mhux hi biss kienet tkun. Qatt ma rat ‘il hadd jiehu xi haga.

Mix-xiehda tas-Supretendent Cachia jirrizultaw ukoll punti interessanti. Huwa qal li meta kellem lil Joseph Galea dan spjegalu li l-flus tas-“sales” kien jghaddihom lil William Galea li ma kienx itieh ircevuta. Dan gie konfermat mill-istess William Galea. Inoltre meta s-Supretendent Cachia talab lil William Galea ghar-rapport ta’ l-awdituri, huwa nghata notamenti ghall-1982 mnejn irrizultaw “unregistered sales” ta’ Lm1,582. Meta ra l-karti li pprovdielu Joseph Galea, ma sab l-ebda diskrepanza!

L-allegazzjoni li l-attur nomine qieghed jaghmel fil-konfront ta’ Elizabeth Ellul hija wahda serja. Certament fuqu jinkombi l-“onus probandi”. Fil-fehma tal-Qorti huwa ma rnexxilux jipprova li Elizabeth Ellul immizapproprjat xi oggetti mill-hanut. Ma gie muri l-ebda nexus bejn l-allegati nuqqasijiet u l-pozizzjoni taghha fil-hanut bhala “salesgirl”. Il-hanut kien wiehed accessibbli mhux biss ghall-pubbliku izda anke apparentement ghal membri tal-familja Galea u l-familja Sluta. Anke mill-investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija fl-1983 ma rrizulta xejn. Ghalhekk it-talba attrici ma tistax tirnexxi.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba attrici u tillibera lill-konvenuta Elizabeth Ellul mill-osservanza tal-gudizzju. Bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

Grazio Galea
D/Registratur